MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 141/1999/1

**George Tonna, Maire Tonna u Marlene Azzopardi**

**vs**

**Anthony Dalli**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti wara li qalu li

(1) huma s-sidien tal-fond 10, Triq il-Mall, Floriana;

(2) huma jikru lill-intimat dan il-fond;

(3) dan il-fond kien mikri lill-intimat ghal abitazzjoni izda l-intimat mhux jaghmel uzu minn dan il-fond ghall-abitazzjoni tieghu u allura huma ghandhom dritt jiehdu l-fond lura;

(4) barra minnhekk dan il-fond qed jithalla fi stat ta' zdingar, traskuragni u abbandun bil-konsegwenza illi qed issirlu hsara.

Talbu li

Jigu awtorizzati jirriprendu l-fond u b'hekk l-intimat jigi ordnat li jizgombra.

Ra r-risposta ta' l-intimat li qal li

(i) it-talba tar-rikorrenti ghandha tkun respinta bl-ispejjez, stante li l-fond de quo huwa r-residenza tieghu. Inoltre mhux minnu li l-istess fond qed igarrab hsara minhabba zdingar, traskuragni jew abbandun.

(ii) salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti.

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati.

Ra l-verbal tat-2 ta' Lulju, 2002.

Ikkunsidra

1. L-ewwel kawzali tar-rikorrenti hija li l-intimat abbanduna d-dar fejn jghammar, proprjeta' taghhom u ghalhekk ghadhom jedd jiehdu l-fond lura. Il-fond inkera mill-antenati tar-rikorrenti lil missier l-intimat. Mal-mewt tal-missier il-fond ghadda f'idejn l-intimat li llum ghandu madwar tnejn u sebghin (72) sena. Martu tghodd aktar.

2. L-intimat u martu marru fil-fond wara iz-zwieg taghhom xi tnejn u hamsin sena ilu. Kellhom sitt itfal. Mart l-intimat xehdet (seduta 27 ta' Frar, 2001) li l-bniet joqghodu l-Floriana, l-Fgura, wahda maghha fil-fond 'de quo', is-

subien Hal-Qormi u iehor maghha. Ghal bidu li dahlu fil-fond kien ghadd hemm missier l-intimat (fol 79-80).

3. Il-Bord ihoss li ghandu jistrieh hafna fuq ix-xhieda ta' Alex Cohen rapprezentant ta' l-Awtorita' tad-Djar u dik tat-tabib tal-familja ta' l-intimat George Grech. Mhux qed jinghad li x-xhieda l-ohra qraba u girien ma xehdux is-sewwa.

4. Skond ix-xhud Cohen, bint l-intimat Rita illum mart George Zammit u zewgha kienu joqghodu ma' l-intimat u martu fil-fond in kwistjoni. Fis-6 ta' Mejju, 1994 ghamlu kuntratt ma' l-Awtorita' tad-Djar u xtraw id-dar/flat numru 2, Dahla D, Binja Filippo Sciberras, Misrah Filippo Sciberras, l-Floriana (fol 51-54). Fl-applikazzjoni nizzlu lil uliedhom biss. La dahhlu l-missierhom u lanqas l-ommhom biex imorru joqghodu maghhom. L-intimat u martu m'ghandhom l-ebda jedd li joqghodu fil-fond mixtri minn Zammit. Dak li jghid l-intimat fid-dawl ta' dak li xehed Cohen ifisser li r-rikorrent haseb li fl-applikazzjoni ghall-Awtorita' tad-Djar il-mizzewgin Zammit dahhlu maghhom lill-intimat u martu. Dan ma kienx hekk. Zammit xtraw il-flat ghax (fost affarijiet ohra) kienu joqghodu ma' haddiehor.

5. It-tabib Grech jiddeskrivi l-familja Dalli bhala wahda maghquda fejn wiehed izur lill-iehor. L-intimat sejjer ghal aghar (ma xhedx imhabba ragunijiet ta' sahha) u l-ahhar darba li rah it-tabib "lanqas kien qed jiccaqlaq mis-sodda". Martu qeghda fi stat ta' sahha ahjar imma marida d-dar. Il-mizzewgin Dalli jihtiegu ghajnuna, lejl u nhar. Ghat-tabib ir-residenza ta' l-intimat hija l-fond fil-Mall, il-Floriana.

6. Mix-xhieda mressqa mir-rikorrenti ma jistax jinghad li l-intimat abbanduna dan fil-Mall il-Floriana u mar joqghod ma bintu Rita Sciberras fil-flat ta' Binja Sciberras. Kien imur ghand bintu u gieli ghadda xi zmien hemm gew imhabba sahhtu. Li huwa minnu hu li l-intimat ghandu mieghu fil-Mall lil bintu Anne Carabott li kellha dar il-Fgura li bieghetha u li tista' tiehu hsiebu (mart l-intimat tghid li din ghada l-Fgura). Il-Bord ma jistax jaghmel kongetturi imma jrid joqghod fuq il-provi mressqa. Minnu ukoll hi l-

intimat idejquh il-hsejjes li jigu minn hanut tahtu. B'danakollu ma giex pruvat li l-intimat volontarjament abbanduna daru jew b'xi mod abbandunaha. Hu u martu jihtiegu l-ghajnuna ta' uliedhom kollha. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re 'Cachia et vs Zammit McKeon' fit-23 ta' April 1998 fejn intqal dwar mara xiha li kienet fl-isptar San Vincenz de Paule ghal hames (5) snin u ma kienitx fi stat li tiehu hsieb taghha innifisha:

"Ghalkemm bhala stat ta' fatt jirrizulta tassew li l-fond mikri ilu zmien twil ma jigi abitat ……fl-istess waqt ma rrizultax li hawn xi tratta ta' abbandunament volontarju imma wiehed forzat. L-istess haga tapplika ghall-aspett ta' permanenz. Din trid tigi mistharrga flimkien ma' l-intenzjoni tal-inkwilin u mhux distakkata ghal kollox minnha".

7. F'dik is-sentenza saret ukoll referenza ghall sentenza ohra "Bonnici vs Livori" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (App.Civ) fit-30 ta' Novembru, 1983 li kienet dwar ihtiega ta' sid li jiehu lura dar ghax kellu bzonnha ghall-familja waqt li l-intimata ma baqghetx fil-fond minhabba ragunijiet ta' sahha u marret toqghod ma' bintha.

"Kif inhu risaput, jigri ta' spiss, specjalment fost nies ta' eta' avanzata li jkunu jghixu wahedhom, li dawn imorru ghall-ragunijiet ta' sahha jew ragunijiet ohra, jghixu gewwa istitut jew sptar, izda dejjem ikomplu jzommu darhom sabiex jekk jiddejqu jew jekk ifiequ jkunu jistghu jirritornaw fiha……".
(ara ukoll sentenza tal-Bord li Jirregola l-kera in re 'Falzon et vs Agius' (18/04/02).

F'dan il-kaz l-intimat u martu ghadhom juzaw darhom. Ghalhekk it-talba fuq l-ewwel kawzali qed tigi michuda.

8. It-tieni kawzali tar-rikorrenti hi illi
"il-fond qed jithalla fi stat ta' zgingar, traskurragni u abbandun bil-konsegwenza illi qed issir hsara lill-istess fond".

Fuq din il-kawzali ma tressqu l-ebda provi u ghalhekk qed tigi michuda.

Billi r-rikorrenti ma ppruvawx il-kawzali li fuqhom qed isejsu t-talba taghhom ghat-tkeccija ta’ l-intimat mill-fond 10, il-Mall, Floriana, l-Bord jichad l-istess talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------